KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 40 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.40 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.30 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | sick | |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier James Cassar | 7.45 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.40 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 8.00 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.55 p.m. | 10.30 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 39- 2 ta' Settembru 2014**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 39 li saret fit- 2 ta' Settembru 2014 kienu intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda jew korrezzjoni.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

2.01 Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, irraportat dwar l-attivitajiet li saru fil-14 ta' Settembru, 2014.

a) MostaAttiva: Is-Sindku qalet li l-attivita kienet organizata tajba u dan grazzi għal kontribuzjoni tal-Kunsilliera li taw l-għajnuna tagħhom. Iżda, hija qalet li kienet diżappuntata bl-attendenza tar-residenti Mostin f'attivitajiet bħal dawn.

Il-Kunsillier Alex Muscat u Keith Cassar qalu li wieħed jieħu gost u japprezza jara li l-organizzazjoniet sportiv tal-Mosta kkonkorrew u ppartecipaw. Kien hemm bżonn li l-Kunsill jara x'jagħmel sabiex jiġbed aktar attendenza ta' residenti Mostin għal-attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

Ġieħ il-Mosta: Is-Sindku qalet li din kienet suċċess għajr għal xi problemi li nqalaw bl-apparat tal-awdio. Il-Kunsillier Alex Muscat qal li huwa kien kuntent ħafna bil-mod kif ittellgħat u ġiet organizzata din l-attivita. Huwa qal li kienet idea ġdida u nnovattiva li ġie magħżul il-post quddiem il-Knisja tal-Isperanza għal-din l-attivita. Dan kien imfaħħar min dawk kollha preżenti għal-attivita. Ħarġet ukoll l-ideja li l-Kunsill fil-futur jieħdu dan l-eżempju u titella Jum il-Mosta dejjem barra biex titgawda minn kulħadd.

2.02 Is-Sindku nfurmat li ma kienx jidher li r-residenti tal-blokki tal-appartament tal-gvern fiż-żona ta' Mlit kienu wisq entużmażjati bl-iSkema 2 – Manutenzjoni ta'Binjiet tal-Gvern għaliex l-applikazzjonijiet kienu deħlin bil-mod wisq. Kienu ftit dawk li applikaw sa issa.

2.03 Il-Viċi Sindku, s-Sur Joe De Martino qal li dwar l-applikazjoni għal-ħames '*traffic-cameras*' fid-diversi toroq prinċipali tal-Mosta, ir-Reġjun tat-Tramuntana kien approva tnejn: dik għal-Vjal il-Qalbiena Mostin, u dik għal-Vjal l-Indipendenza. Ir-Regjun issa għadda l-applikazjoni lil-Transport Malta.

2.04 Is-Sindku nformat li kienet saret laqgha bejn rapprezentanti ta' Transport Malta, Pulizija tal-Għassa tal-Mosta, u l-Kunsill fuq il-post fi Triq il-Ħtajriet * fejn kien ippjanat li issir One-Way. Din il-proposta ġiet approvata min TM u saru t-tabelli meħtieġa. Il-Kunsill talab ~~ukoll permess sabiex isiru 'sleeping rumbles' fl-istess triq.~~

* (bejn Triq il-Wiżża u Triq San Anton Abbati)

2.05 Is-Sindku nfurmat ukoll li kienet saret laqgħa oħra ma Transport Malta, Pulizija tal-Mosta, Assistant Head tal-Iskola Sekondarja Marija Regina taż-Żokrija u l-Kunsill ħdejn l-istess skola sabiex jiġi studjat kif jista jiġi organizzat l-ipparkjar ta' karozzi waqt id-dħul u ħruġ ta' studenti ta' din l-iskola. Dan biex jiġi evitat il-periklu għal-istess studenti. TM ġew mitluba jaraw kif tista tiġi organizzata ż-żona ta fejn jiltaqaw Triq il-Leġġenda, Triq il-Bennej, u Triq l-Inkurunazjoni.

**3.0 Materji Finanzjarji**

**a) Lista ta Pagamenti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Pagamenti għal-ammont ta' Ewro 207,867-24 kif ippreżentata u annessa rna dawn il-minuti.

**b) Lista tal-Works Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Works Orders kif annessa ma dawn il-minuti.

**c) Lista ta Purchase Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders kif annessa rna dawn il-minuti.

**d) Lista ta Depoziti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Depositi bankarji kif annessa rna dawn il-minuti.

e) **Write offs of Post Accounts – Errors in debtors & creditors**

Din l-Agenda Item tħalliet għal-Laqgħa oħra meta jkun preżenti l-accountant tal-Kunsill.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista Nru:36 ta' 7 items ta' korrispondenza. Id-deċiżjoni dwar din il- korrispondenza tinstab annessa rna dawn il-minuti.

Dwar Korrispondenza Nru 2 ta C.Marquette - Dwar is-sitwazjoni tat-traffiku ħdejn il-Mosta Football Ground, is-Sindku fakkret li l-MEPA ma aċċettatx l-proposti tal-Kunsill sabiex issir triq li taqsam għal-Pantar Road u Car-Park mal-progett ta' PAMA Shopping Village il-gdid li ser jieħu post il-fabbrika tal-madum ta Francesco Fenech.

**5.00 Ġbir ta Skart fil-Mosta**

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, spjegat id-diffikultajiet li qed jiltaqgħu magħhom r-residenti bis-sistema ta' ġbir ta' skart domestiku li jinġabar filgħaxija. Kien jidher ċar li s-servizz li qed jagħti l-Kunsill ma kienx biżżejjed. Kien hemm bosta lmenti mir-residenti dwar gzuz ta' boroż taż-żibel fil-kantunieri. Għalhekk is-Sindku ssuġġeriet li l-ġbir jerġa jibda jsir kmieni filgħodu. Dan għaliex residenti qed joħorġu l-boroż bil-lejl jew kmieni ħafna filgħodu u dawn jibqa hemm ġurnata sħiħa sakemm jingabru filgħaxija. Hija qalet li kienet hasra li meta sar-survey dawk li rrispondew kienu qablu li l-ġbir jibqa jsir filgħaxija. Iżda hija sostniet li n-numru ta dawk li rrispondew ma kienx rappreżentattiv biżżejjed.

Il-Viċi Sindku, Joe De Martino qal li għandhom jinħargu Default Notices lil-Kuntrattur għax dan qed joħloq il-gzuz tal-borża biż-żibel fil-kantunieri u għalhekk ir-residenti jagħmlu bħalu u jpoġġu l-boroż tagħhom f'dawn l-istess kantunieri u b'hekk tinħoloq miżbla għad-dannu tar-residenti. Huwa ssuġġerixxa wkoll li ssir sorveljanza b'cameras f'karozza f'postijiet differenti u hekk jinqabad min kien qed jabbuża.

Ġie deċiz unanimamenet li jiġi msejjaħ il-kuntrattur sabiex jidher quddiem l-Kunsill sabiex jirrispondi għal-dawn l-ilmenti. Huwa għandu wkoll jiġi nfurmat li mgħandux jiġbor boroż ħodor jew griżi b'materjal riċiklabli u jħallathom mal-boroż suwed tal-iskart domestiku. Huwa għandu wkoll jiġi nfurmat li l-Kunsill iddeċieda li mill-bidu tas-sena 2015 il-ġbir bieb-bieb tal-boroż suwed (skart domestiku) għandu jibda jsir filgħodu kmieni u mhux aktar filgħaxija.

Kien hemm qbil unanimu dwar din id-deċizjoni.

***6.0 Ċerimonja Qalbiena Mostin***

Sar qbil unanimu li s-solitu cerimonja tal-Qalbiena Mostin issir nhar il-Ħadd 16 ta' Novembru, 2014. Il-Kunsilliera ġew imħeġġa jattendu.

**7.00 Closure of Project ta' Bistra Catacombs**

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia aġġornat lil-Kunsilliera dwar is-sitwazjoni tal-proġett tal-Katakombi Ta'Bistra – 'Archeotur'. Dan kien beda fis-sena 2011 u tlesta fis-sena 2013. Is-Senior Curator ta' Heritage Malta Sue Depasquale, u Dr. George Cassar kien il-persuni inkarigati min dan il-proġett. Huma kien mgħejjuna mis-sur Glen Farrugia li kien ikkuntratjat għal-dan ix-xogħol min Heritage Malta.

Is-Sindku qalet li s-Sinjura Sue Depasquale kellha xi problemi u kien jidher li hija ma ssottomettietx l-aħħar claims għal-fondi kif suppost u ħalliet barra kolonna li tirrigwardja refużjoni ta' fondi lil-partners Maltin fosthom il-Kunsill tal-Mosta. Is-Sinjura Depasquale issa kien ilha madwar xahar u nofs tirraporta 'sick'. Dan il-fatt ħoloq problemi għal-Kunsill tal-Mosta. Kien hemm lista sħiħa ta'nuqqasijiet fix-xogħol li sar fuq il-post f'Ta'Bistra kif ukoll nuqqasijiet fid-dokumentazjoni ta' tenders u kwotazzjonijiet li ntalbu għax-xogħolijiet meħtieġa. Dawn in-nuqqasijiet ġew elevati mill-awdituri tal-proġett u fin-nuqqas tas-Sinjura Depasquale inħolqot problema għaliex il-Kunsill qed ikollu jispjega u jagħti spjegazjoni gal-nuqqasijiet ta' ħaddieħor. Hemm probabilita kbira li dawn id-diversi nuqassijiet jista jiswew multi kbar lil-Kunsill tal-Mosta.

Is-Sur Kenneth Gambin ta' Heritage Malta intalab jaħtar kuratur iehor minflok is-Sinjura Depasquale iżda sal-lum ma kien hemm l-ebda rispons mingħand is-Sur Gambin. Is-Sindku għamlitha ċara li l-problemi kienu inqalaw f'April 2014 izda u la l-amministrazjoni tal-Kunsill u lanqas hi (is-Sindku) bħala l-Project Leader ma kienu ġew nfurmati. Kienet ir-responsabilita tas-Sinjura Depasquale li tinforma lil-Kunsill b'dawn id-diskrepanzi.

Barra min dan, Is-Sindku qalet li kien mehtieq li l-Kunsill jipprocedi bit-tnedija ta dan il-proġett. Kien hemm ukoll il-bżonn li jiġi deċiż kif u min kien ser ikun responsabbli mit-tmexxija u manutenzjoni tal-post.

Sar qbil dwar li l-Kunsill għandu jibqa jinsisti li ssir laqgħa ma Heritage Malta sabiex jiġu mwittija u solvuti dawn id-diffikultajiet preżenti.

**8.00 Agreement mat-TCTC**

Ġie ippreżentat abbozz ta' ftehim sabiex jiġi ffirmat mis-soċjeta TCTC għal-użu ta' faċilitajiet tal-Kunsill sabiex isir it-tagħlim tal-kompjuter fil-lokalita tal-Mosta. Il-ftehim kien jipprovdi wkoll għal użu tas-Sala tal-Kunsill bi ħlas jekk din tintuża min TCTC. Il-Kunsilliera tqasmitilhom kopja tal-ftehim u dan ġie approvat fil-prinċipju. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġew inkarigati sabiex jaraw id-dettalji tal-ftehim u jiffirmaw f'isem il-Kunsill.

**9.00 Affarijiet Oħra**

9.01 Il-Viċi-Sindku talab li s-Street Numbering Committee jintalab jagħti numri tal-bibien fil-parti l-ġdida ta' Triq L-Isperanza u l-parti ta fuq ta Triq il-Kbira.

**9.02** Il-Viċi-Sindku talab ukoll li jinbena lqugħ ta' madwar tliet filati madwar simenta li hemm biswit il-*bus-shelter* f'Tarġa Gap fi Vjal Millbrae.

**9.03** Is-Sindku infurmat li fit-28 ta' Ottubru filghodu kien ser jagħmel viżita fil-lokalita tal-Mosta, il-Kap tal-Oppożizjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista, Dr. Simon Busuttil. Hija stiednet lil-Kunsilliera sabiex jattendu.

**10.00 Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fil-10.30p.m.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv